

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA

Il-Ministeru tal-Agricoltura
u s-Sovranità tal-Ikel

Ordni ta' li tistabbilixxi l-livelli massimi permissibbli ta' mikroelementi tal-metall u ta' mikrokomposti organiċi miżjuda mal-ħamrija meta jintużaw il-fertilizzanti

NOR:

Il-Ministru għall-Agricoltura u s-Sovranità tal-Ikel, il-Ministru għall-Ekonomija, il-Finanzi u s-Sovranità Industrijali u Diġitali, il-Ministru għat-Tranżizzjoni Ekoloġika, il-Bijodiversità, il-Foresti, l-Affarijiet tal-Baħar u s-Sajd, il-Ministru għas-Saħħa u l-Aċċess għall-Kura tas-Saħħa

Wara li kkunsidraw rr-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004, kif emendat, dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel;

Wara li kkunsidraw il-Kodiċi dwar l-Ambjent, b'mod partikolari l-Artikoli L511-1, L511-2, L541-4-3, R211-1 u R541-8 tiegħu;

Wara li kkunsidraw il-Kodiċi Rurali u tas-Sajd Marittimu, b'mod partikolari l-Artikolu L255-16 tiegħu;

Wara li kkunsidraw id-Digriet Nru 80-478 tas-16 ta' Ġunju 1980, kif emendat, li jimplimenta l-Artikolu L412-1 tal-Kodiċi tal-Konsumatur dwar il-fertilizzanti u s-sottostrati tal-kultivazzjoni;

Wara li kkunsidraw id-Digriet Nru xxx ta' xxx li jistabbilixxi l-prestazzjoni agnronomika u l-kriterji ta' sikurezza għall-fertilizzanti u għall-materjal għat-tkabbir;

Wara li kkunsidraw l-opinjoni jiet 2020-SA-0146 tat-28 ta' Jannar 2020 u 2021-AST-0120 tat-2 ta' Novembru 2021 tal-Aġenzija Nazzjonali għas-Sigurtà Alimentari, Ambjentali u tas-Saħħa Okkupazzjonali;

Wara li kkunsidraw ir-rilaxx tal-abbozz ta' Ordni lill-pubbliku minn xxx sa xxx 2023 bil-ħsieb tal-parteċipazzjoni tagħhom, f'konformità mal-Artikolu L123-19-1 tal-Kodiċi dwat l-Ambjent,

B'dan jordnaw:

Artikolu 1

Il-persuni responsabbli għat-tqegħid fis-suq ta' fertilizzant tal-Kategorija A1 jew A2 għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jagħmluha possibbli, fil-każ ta' fertilizzazzjoni

bl-użu ta' dak il-materjal biss, li jikkonformaw mal-valuri stabbiliti fl-Anness I għal kull mikroelement tal-metall u mikrokompst organiku.

L-inputs annwali ta' mikroelementi tal-metall li jinsabu f'fertilizzant, kif imsemmi fit-Tabella 1 fl-Anness I, jistgħu jinqabżu, fil-limiti tal-inputs ta' darba rispettivi tagħhom, dment li l-frekwenza tal-użu tal-fertilizzant hija aġġustata sabiex il-medja tal-inputs tal-mikroelement l-aktar limitat tal-metall ma taqbiżx il-valur tal-fluss annwali ta' referenza matul il-perjodu bejn kull applikazzjoni. Il-fluss annwali ta' referenza ta' mikroelement tal-metall jew makrokompst organiku għandu jikkorrispondi għall-input massimu tiegħu skont il-massa fuq ettaru wieħed ta' ħamrija f'sena kalendarja partikolari.

L-utenti professjonali tal-fertilizzanti tal-Kategorija A1 jew A2 għandhom jiżguraw il-konformità mal-valuri stabbiliti fl-Anness I għall-inputs ta' dawn il-materjali fuq erja tas-superfiċe partikolari.

Artikolu 2

Il-produtturi tal-fertilizzanti tal-Kategorija B2 għandhom jiżguraw konformità mal-valuri stabbiliti fl-Annessi II u III meta jfornu materjali f'din il-kategorija.

B'deroga, l-inputs tal-materjali li ġejjin, meta jiġu applikati bħala fertilizzanti, ma għandhomx ikunu soġġetti għall-obbligu msemmi fl-ewwel subparagrafu:

- il-ħamrija li tirriżulta mill-ħasil tal-pjanti;
- is-sedimenti tat-tħammil mhux perikolużi li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'[il-gwidi rilevanti ppubblikati fuq is-siti web uffiċjali tal-Ministeri tal-Ambjent u l-Agrikoltura "Użu agrikolu ta' sedimenti tat-tħammil: kriterji għall-aċċettabilità ambjentali u ħamrija agrikola."].

Artikolu 3

L-annessi għal din l-Ordni għandhom jiġu emendati wara konsultazzjoni mal-ANSES.

Artikolu 4

Id-Direttur Ġenerali għall-Prevenzjoni tar-Riskju, id-Direttur Ġenerali għall-Bijodiversità u l-Ilma, id-Direttur Ġenerali għall-Politika tal-Kompetizzjoni, tal-Konsumaturi u għall-Ġlieda Kontra l-Frodi, id-Direttur Ġenerali għall-Prestazzjoni Ekonomika, id-Direttur Ġenerali għas-Saħħa u d-Direttur Ġenerali għall-Ikel, għandhom ikunu responsabbli, kull wieħed fil-qasam tal-kompetenzi rispettivi tiegħu, għall-implimentazzjoni ta' din l-Ordni, li għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali* tar-Repubblika Franċiża.

Artikolu 5

Din l-Ordni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali* tar-Repubblika Franċiża.

Magħmula fi [].

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Finanzi u s-Sovranità Industrijali u Diġitali

Eric Lombard

Il-Ministru għat-Tranżizzjoni Ekoloġika,
il-Bijodiversità, il-Foresti, l-Affarijiet
tal-Baħar u s-Sajd

Agnès Pannier-Runacher

Il-Ministru għall-Agrikoltura u s-Sovranità tal-Ikel,

Annie Genevard

Il-Ministru għas-Saħħa u l-Aċċess għall-
Kura tas-Saħħa

Yannick Neuder

ANNEX I

Tabella 1 – L-inputs massimi permissibbli ta' mikroelementi tal-metall għal fertilizzant tal-Kategorija A1 jew A2

	Fluss annwali ta' referenza (g/ħa)	Għal utent professjonali biss Input ta' darba (g/ħa) bil-frekwenza tal-użu adattata kif xieraq
As	90	270
Cd	2	6
Cr	600	1 800 ⁽¹⁾
Cu	1 000	3000
Hg	10	30
Ni	300	900 ⁽²⁾
Pb	900	2 700
Zn	3000	6 000

(1) Ħlief għad-denominazzjonijiet speċifiċi ta' fertilizzanti prodotti u użati fil-Gżira ta' Réunion li jikkonformaw mal-Istandard NF U44-051: 4 950 g/ħa. Għal A2 biss.

(2) Ħlief għad-denominazzjonijiet speċifiċi ta' fertilizzanti prodotti u użati fil-Gżira ta' Réunion li jikkonformaw mal-Istandard NF U44-051: 3 000 g/Ħa. Għal A2 biss.

Tabella 2 – L-inputs massimi permissibbli ta' makrokomposti organiċi għal fertilizzant tal-Kategorija A1 jew A2

	Fluss annwali ta' referenza (g/ħa)
Idrokarburi aromatiċi poliċikliċi (PAH)	Fluworanten
	6
	Benzo[b]fluworanten
	4
	Benzo[a]piren
	2
Poliklorobifenili (PCB)	Somma tas-sitt konġeneri PCB 28, 52, 101, 138, 153, 180
	1.2

ANNEX II

Tabella 1 – L-inputs massimi permissibili ta' mikroelementi tal-metall għal fertilizzant tal-Kategorija B2

	Fluss annwali ta' referenza (g/ħa)	Input ta' darba (g/ħa) bil-frekwenza tal-input aġġustata kif xieraq
As	90	270
Cr	600	1 800 ⁽¹⁾
Cu	1 000	3000
Hg	10	30
Ni	300	900 ⁽²⁾
Pb	900	2 700
Zn	3000	6 000

(1) Ħlief għal materjali organi`i li jtejbu l-ħamrija li joriġinaw esklussivament minn ħamrija volkanika fuq il-Gżira ta' Réunion għall-użu esklussiv fuq il-kultivazzjoni tal-kannamieli mkabbra fil-Gżira ta' Réunion u fi spazji ħodor pubbliċi fil-Gżira ta' Réunion: 4 950 g/ħa.

(2) Ħlief għal materjali organi`i li jtejbu l-ħamrija li joriġinaw esklussivament minn ħamrija volkanika fuq il-Gżira ta' Réunion għall-użu esklussiv fuq il-kultivazzjoni tal-kannamieli mkabbra fil-Gżira ta' Réunion u fi spazji ħodor pubbliċi fil-Gżira ta' Réunion: 3 000 g/ħa.

“Spazji ħodor pubbliċi” tfisser żoni pubbliċi veġetati, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe żona li fiha jitkabbru l-pjanti għall-konsum mill-bniedem jew mill-annimali.

Tabella 2 – L-inputs massimi permissibbli ta' makrokomposti organiċi għal fertilizzant tal-Kategorija B2

		Fluss annwali ta' referenza (g/ħa)
Idrokarburi aromatiċi poliċikliċi (PAH)	Fluworanten	6
	Benzo[b]fluworanten	4
	Benzo[a]piren	2
Poliklorobifenili (PCB)	Somma tas-sitt konġeneri PCB 28, 52, 101, 138, 153, 180	1.2

ANNEX III

Tabella 1 – L-inputs massimi permissibili ta' kadmju għal fertilizzant tal-Kategorija B2.

Id-data tal-bidu tal-perjodu inkwistjoni	Data tat-tmiem tal-perjodu inkwistjoni	Fluss annwali ta' referenza (g/ħa)	Input ta' darba (g/ħa) bil-frekwenza tal-input aġġustata kif xieraq	Input totali matul il-perjodu inkwistjoni (g/ħa)
Dħul fis-seħħ	31/12/2029	10	15	30
01/01/2030	31/12/2032	5	10	15
Mill-1 ta' Jannar 2033	/	2	6	/